**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Silvio Magro)**
**Vs**
**Carlos Vilmar Da Silva Rodrigues**

**Illum 27 ta' Frar 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Carlos Vilmar Da Silva Rodrigues**, imwieled Urugualiana, Brazil, fit-18 ta' Awwissu 1987, iben U/K u Cristina Da Silva, residenti Avenida Imperatris, Leopoldina 1013, Apo 12 jew 215, Triq is-Swieqi, Swieqi, u detentur ta' passaport Braziljan numru YC880835, talli fis-26 ta' Frar 2021 ghall-habta tal-17:30 hrs gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta:

1. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub li ma kienx intiz ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 188(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta; u
2. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (i) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "A"; (ii) Dokumentazzjoni li turi illi t-test li kien ser jintuza mill-imputat huwa falz - Dok. "B"; (iii) Rapport tal-Pulizija dwar il-kaz - Dok. "C"; u (iv) Fotokopja tal-passaport ta' l-imputat - Dok. "D";

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta 'l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jera' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga 'lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet tad-Difiza u tal-Prosekuzzjoni dwar il-piena u tinnota kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll id-Difiza jaqblu li fil-kaz in ezami, minhabba c-cirkostanzi partikolari tieghu, ma jkunx idoneju li l-imputat jinghata piena ta' habs effettiv izda jkun opportun li jinghata sentenza sospiza. Semghet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fis-26 ta' Frar 2021 ghall-habta tal-17:30 hrs gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta: (1) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub li ma kienx intiz ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 188(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta; u (b) ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu.

Peress illi jirrizulta li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat, issib lill-istess imputat, fuq ammissjoni tieghu, hati ta' l-ewwel akkuza dedotta fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni: il-gravità tar-reat li bih qed jiġi akkuzat l-imputat u minnu ammess, partikolarment f'dawn iz-zminijiet; ic-cirkostanzi li wasslu lill-imputat jagixxi kif agixxa; il-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija kif ukoll l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

Ghaldaqstant, filwaqt li ttenni li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 188(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, ittenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza dedotta fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundannah ghal sena (1) prigunerija, iżda peress illi f'dan il-kaz jissussistu cirkostanzi, senjatament ic-cirkostanzi li wasslu lill-imputat jagixxi kif agixxa u l-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li kkoopera mal-Pulizija, in bażi għal liema hemm lok li t-terminu ta' sena (1) priġunerija hawn impost fuq l-imputat jiġi sospiż, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' malta tissosspendi l-imsemmi terminu ta' sena (1) prigunerija ghall-perijodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta 'din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta 'prigunerija. Twissi lill-imputat ukoll li l-piena kif imposta fuqu hija fil-massimu kemm bhala piena ghar-reat kif ukoll bhala terminu ta' sospensjoni, u dana billi dak li ghamel huwa hazin in kwantu seta' jipperikola l-hajja tan-nies.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**